ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 295

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

12 ta' Novembru 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1080/2009 tal-11 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ............... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1081/2009 tal-11 ta' Novembru 2009 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Limone Interdonato Messina (IĠP)]** ............................................ 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1082/2009 tal-11 ta' Novembru 2009 li japprova emendi mhux minuri tal-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Prosciutto di Norcia (IGP)]** ... 5

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1083/2009 tal-11 ta' Novembru 2009 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Sobao Pasiego (IĠP)]** ........................................................... 7

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1084/2009 tal-11 ta' Novembru 2009 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur tazzokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10 ................... 9

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: 3 EUR**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Il-Kummissjoni**

2009/830/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Novembru 2009 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE fir-rigward tal-istatus tal-BSE taċ-Ċilì, il-Kolombja u l-Ġappun** *(notifikata bid-dokument numru C(2009) 8590)* ([1]) . . . . . 11

IV *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

**Awtorità ta' Sorveljanza EFTA**

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 356/08/COL tal-11 ta' Ġunju 2008 dwar l-iskema ta' rifużjoni tat-taxxa li tintuża abbord bastimenti fir-Reġistru Ordinarju tat-Tbaħħir Norveġiż (NOR) (in-Norveġja)** . . . . . 14



([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1080/2009

**tal-11 ta' Novembru 2009**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-12 ta' Novembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 62,1 |
| | MK | 25,5 |
| | TR | 57,4 |
| | ZZ | 48,3 |
| 0707 00 05 | EG | 171,8 |
| | JO | 161,3 |
| | MA | 69,5 |
| | TR | 75,0 |
| | ZZ | 119,4 |
| 0709 90 70 | MA | 80,8 |
| | TR | 94,4 |
| | ZZ | 87,6 |
| 0805 20 10 | MA | 83,7 |
| | ZZ | 83,7 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | AR | 49,8 |
| | CN | 53,5 |
| | HR | 60,4 |
| | TR | 81,8 |
| | UY | 49,8 |
| | ZZ | 59,1 |
| 0805 50 10 | AR | 68,9 |
| | TR | 73,2 |
| | ZA | 59,6 |
| | ZZ | 67,2 |
| 0806 10 10 | AR | 196,3 |
| | BR | 238,2 |
| | LB | 223,8 |
| | TR | 126,1 |
| | US | 259,3 |
| | ZZ | 208,7 |
| 0808 10 80 | CA | 71,4 |
| | MK | 20,3 |
| | NZ | 91,9 |
| | US | 102,5 |
| | ZA | 89,4 |
| | ZZ | 75,1 |
| 0808 20 50 | CN | 68,6 |
| | ZZ | 68,6 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1081/2009

## tal-11 ta' Novembru 2009

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Limone Interdonato Messina (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba li għamlet l-Italja biex iddaħħal fir-reġistru d-denominazzjoni "Limone Interdonato Messina", ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Billi skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, ma ntbagħtet ebda oġġeżżjoni lill-Kummissjoni, din id-denominazzjoni għandha tiddaħħal fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni li tidher fl-Anness għal dan ir-Regolament, b'dan qed tiddaħħal fir-reġistru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU C 74, 28.3.2009, p. 70.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-ikel mill-bniedem elenkati fl-anness għat-Trattat

**Klassi 1.6: Frott u ħxejjex, ċereali**

L-ITALJA

Limone Interdonato Messina (IĠP)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1082/2009

## tal-11 ta' Novembru 2009

## li japprova emendi mhux minuri tal-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Prosciutto di Norcia (IGP)]

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel (1), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Italja għall-approvazzjoni ta' emendi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Prosciutto di Norcia", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 (2) kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1065/97 (3).

(2) Minħabba li l-emendi kkonċernati mhumiex minuri fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni, kif jesiġi l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament imsemmi, ippubblikat it-talba għall-emendi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (4). Minħabba li ma ntbagħtet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2006, l-emendi għandhom jiġu approvati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emendi tal-ispeċifikazzjoni ppublikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li jikkonċernaw id-denominazzjoni mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament, b'dan huma approvati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

(1) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
(2) ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1.
(3) ĠU L 156, 13.6.1997, p. 5.
(4) ĠU C 71, 25.3.2009, p. 21.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum tal-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat tal-KE:

**Klassi 1.2. Prodotti magħmula mil-laħam (imsajjar, immellaħ, iffumigat, eċċ.)**

L-ITALJA

Prosciutto di Norcia (IĠP)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1083/2009

## tal-11 ta’ Novembru 2009

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Sobao Pasiego (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta’ Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel [1], u b’mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) u b’applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba mressqa minn Spanja biex id-denominazzjoni “Sobao Pasiego” tiddaħħal fir-reġistru, ġiet ippubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Ġaladarba ma nbagħtet lill-Kummissjoni l-ebda dikjarazzjoni ta’ oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiddaħħal fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b’dan qed tiddaħħal fir-reġistru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta’ Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

---

(1) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

(2) ĠU C 75, 31.3.2009, p. 41.

*ANNESS*

Oġġetti tal-ikel imsemmija fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 510/2006:

**Klassi 2.4. Ħobż, għaġina, kejkijiet, oġġetti tal-ħelu, gallettini u oġġetti oħra tal-furnar għall-bejgħ**

SPANJA

Sobao Pasiego (IĠP)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1084/2009

## tal-11 ta' Novembru 2009

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2009/10 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2009 ([3]). Dawn ilprezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1075/2009 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-12 ta' Novembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 253, 25.9.2009, p. 3.
([4]) ĠU L 292, 10.11.2009, p. 3.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mit-12 ta' Novembru 2009**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 34,27 | 1,01 |
| 1701 11 90 (1) | 34,27 | 4,62 |
| 1701 12 10 (1) | 34,27 | 0,87 |
| 1701 12 90 (1) | 34,27 | 4,33 |
| 1701 91 00 (2) | 39,15 | 5,72 |
| 1701 99 10 (2) | 39,15 | 2,59 |
| 1701 99 90 (2) | 39,15 | 2,59 |
| 1702 90 95 (3) | 0,39 | 0,29 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-11 ta' Novembru 2009**

**li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE fir-rigward tal-istatus tal-BSE taċ-Ċilì, il-Kolombja u l-Ġappun**

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 8590)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/830/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered [1], u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' enċefalopatiji sponġiformi li jinxterdu (TSEs) fl-annimali. Għal dan l-għan, l-istatus tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE) ta' Stat Membru jew ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom ("pajjiżi jew reġjuni") għandu jiġi ddeterminat permezz ta' klassifikazzjoni f'waħda minn tliet kategoriji skont ir-riskju tal-BSE involut, jiġifieri riskju ta' BSE negliġibbli, riskju ta' BSE kkontrollat u riskju ta' BSE mhux determinat.

(2) L-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skont ir-riskju tal-BSE [2] telenka l-pajjiżi jew ir-reġjuni skont l-istatus ta' riskju ta' BSE tagħhom.

(3) L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) għandha rwol ewlieni fil-kategorizzazzjoni ta' pajjiżi jew reġjuni skont ir-riskju tagħhom tal-BSE. Il-lista fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE tikkunsidra r-Riżoluzzjoni Nru XXI - Ir-Rikonoxximent tal-Istatus tal-Enċefalopatija Sponġiformi Bovina tal-Membri - adottata mill-OIE f'Mejju 2008 fir-rigward tal-istatus tal-BSE tal-Istati Membri u l-pajjiżi terzi.

(4) Id-Deċiżjoni 2007/453/KE bħalissa telenka l-Finlandja u l-Iżvezja bħala pajjiżi li għandhom riskju negliġibbli ta' BSE u l-Istati Membri l-oħra kollha bħala pajjiżi li għandhom riskju kkontrollat ta' BSE. Din telenka wkoll l-istatus tal-BSE ta' pajjiżi terzi. F'Mejju 2009, l-OIE adottat ir-Riżoluzzjoni Nru XXII - Ir-Rikonoxximent tal-Istatus ta' Riskju tal-Enċefalopatija Sponġiformi Bovina tal-Membri. Dik ir-Riżoluzzjoni rrikonoxxiet liċ-Ċilì bħala pajjiż li għandu riskju negliġibbli ta' BSE u l-Kolombja u l-Ġappun bħala pajjiżi li għandhom riskju kkontrollat ta' BSE. Il-lista fid-Deċiżjoni 2007/453/KE għandha għaldaqstant tiġi emendata sabiex issir konformi ma' dik ir-Riżoluzzjoni fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi. Madankollu, sakemm ikun hemm konklużjoni finali tal-OIE dwar l-istatus ta' riskju tal-BSE tal-Istati Membri kollha u b'kunsiderazzjoni tal-miżuri armonizzati stretti ta' protezzjoni mill-BSE applikati fil-Komunità, fil-preżent ma għandhom isiru l-ebda bidliet fir-rigward tal-istatus tal-BSE rikonoxxut tal-Istati Membri.

(5) Id-Deċiżjoni 2007/453/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

[1] ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.
[2] ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE huwa mibdul bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

## 'LISTA TA' PAJJIŻI JEW REĠJUNI

### A. Pajjiżi jew reġjuni b'riskju negliġibbli ta' BSE

*Stati Membri*

— Il-Finlandja

— L-Iżvezja

*Pajjiżi tal-EFTA*

— L-Iżlanda

— In-Norveġja

*Pajjiżi terzi*

— L-Arġentina

— L-Awstralja

— Iċ-Ċilì

— New Zealand

— Il-Paragwaj

— Singapor

— L-Urugwaj

### B. Pajjiżi jew reġjuni b'riskju kkontrollat ta' BSE

*Stati Membri*

— Il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, ir-Renju Unit

*Pajjiżi tal-EFTA*

— Il-Liechtenstein

— L-Iżvizzera

*Pajjiżi terzi*

— Il-Brażil

— Il-Kanada

— Il-Kolombja

— Il-Ġappun

— Il-Messiku

— It-Tajwan

— L-Istati Uniti

### C. Pajjiżi jew reġjuni b'riskju mhux determinat ta' BSE

— Il-pajjiżi jew reġjuni li mhumiex elenkati fil-punti A jew B ta' dan l-Anness.'

IV

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

# AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

## DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

## Nru 356/08/COL

## tal-11 ta' Ġunju 2008

## dwar l-iskema ta' rifużjoni tat-taxxa li tintuża abbord bastimenti fir-Reġistru Ordinarju tat-Tbaħħir Norveġiż (NOR) (in-Norveġja)

L-AWTORITA TA' SORVELJANZA TAL-EFTA ([1])

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ewropea Ekonomika ([2]), u partikolarment l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim bejn l-Istati EFTA dwar il-Ħolqien ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja ([3]), b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 1(3) tal-Parti I u l-Artikolu 4(3) tal-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim ta' Sorveljanza u Qorti,

Wara li kkunsidrat il-Linji Gwida tal-Awtorità ([4]) dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 ŻEE, u b'mod partikolari l-Kapitolu dwar l-għajnuna għat-trasport bil-baħar,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 195/04/COL tal-14 ta' Lulju 2004 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 27 tal-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim ta' Sorveljanza u Qorti ([5]),

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 280/06/COL ([6]) u Nru 412/06/COL ([7]),

Billi:

### I. FATTI

### 1. Proċedura

Bl-ittra tat-23 ta' Frar 2007, (Dok. Nru 411169), l-awtoritajiet Norveġiżi nnotifikaw, skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim ta' Sorveljanza u Qorti, emenda għall-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara impjegati abbord bastimenti tal-passiġġieri fir-Reġistru għat-Tbaħħir Ordinarju Norveġiż (NOR).

Bl-ittra ddatata s-7 ta' Marzu (Dok. Nru 412343), l-Awtorità talbet għal aktar informazzjoni. L-awtoritajiet Norveġiżi wieġbu għat-talba għal aktar informazzjoni bl-ittra ddatata t-22 ta' April 2008 (Dok. Nru 474517).

([1]) Minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità".

([2]) Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim taż-ŻEE".

([3]) Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim dwar Sorveljanza u Qorti".

([4]) Il-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar Sorveljanza u Qorti, adottati u maħruġa mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fid-19 ta' Jannar 1994, ippubblikati fil-ĠU L 231, 3.9.1994, p. 1 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 32, 3.9.1994, p. 1. Il-Linji Gwida ġew emendati l-aħħar fid-19 ta' Diċembru 2007. Minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Linji Gwida għall-Għajnuna mill-Istat".

([5]) ĠU L 139, 25.5.2006, p. 37.

([6]) Id-Deċiżjoni Nru 280/06/COL tal-4 ta' Ottubru 2006 dwar it-tibdil fl-iskemi għar-rifużjoni tat-taxxa lis-sidien tal-bastimenti għall-baħħara impjegati abbord bastimenti fir-Reġistru għat-Tbaħħir Ordinarju Norveġiż (NOR) u r-Reġistru għat-Tbaħħir Internazzjonali Norveġiż (NIS), ippubblikata fil-ĠU C 143, 28.6.2007, p. 5, u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 30, 28.6.2007, p. 6. It-test sħiħ tad-deċiżjoni jinsab fil-paġna web tal-Awtorità: http://www.eftasurv.int/fieldsofwork/fieldstateaid/stateaidregistry/

([7]) Id-Deċiżjoni Nru 412/06/COL tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar it-tibdil fl-iskemi għar-rifużjoni tat-taxxa għall-baħħara impjegati abbord bastimenti fir-Reġistru għat-Tbaħħir Ordinarju Norveġiż (NOR), ippubblikata fil-ĠU C 111, 17.5.2007, p. 20, u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 23, 17.5.2007, p. 2. It-test sħiħ tad-deċiżjoni jinsab fil-paġna web tal-Awtorità: http://www.eftasurv.int/fieldsofwork/fieldstateaid/stateaidregistry/

## 2. **Deskrizzjoni tal-miżuri proposti**

2.1. *Titolu tal-iskema ta' għajnuna*

Din l-aħħar notifika temenda l-portata tal-applikazzjoni tal-iskema msejħa "*L-iskema ta' rifużjoni fiskali għall-baħħara impjejati abbord bastimenti fir-Reġistru għat-Tbaħħir Ordinarju Norveġiż (NOR) u r-Reġistru għat-Tbaħħir Internazzjonali Norveġiż (NIS)*" ([8]) kif oriġinarjament awtorizzat mill-Awtorità bid-Deċiżjoni Nru 280/06/COL u emendata bid-Deċiżjoni Nru 412/06/COL ([9]).

2.2. *Għan tal-iskema tal-għajnuna*

Skont l-awtoritajiet Norveġiżi, l-għanijiet ewlenin għall-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara huma li jiġi ssalvagwarjat u jiżdied l-impjieg għall-baħħara Norveġiżi u l-baħħara taż-ŻEE, li jiġi assigurat ir-reklutaġġ u l-għoti ta' taħriġ ikkwalifikat lill-baħħara u li tittejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-kumpaniji li jimpjegaw lil dawn il-baħħara. Fl-istess ħin, l-iskema għandha għan strateġiku usa' għall-preservazzjoni u l-iżvilupp tal-għarfien u għat-titjib fis-sigurtà fl-industriji tal-baħar in ġenerali.

L-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara tinvolvi t-taxxa fuq id-dħul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa minn min iħaddem f'isem il-baħħar li jkun qed jiġi rimburżat (skema hekk imsejħa "paga netta"). L-awtoritajiet Norveġiżi jipproponu li jestendu l-iskema għall-bastimenti tal-passiġġieri li jkopru d-distanza bejn Bergen u Kirkenes esposti għall-kompetizzjoni u rreġistrati fir-Reġistru għat-Tbaħħir Ordinarju Norveġiż (NOR).

L-awtoritajiet Norveġiżi kkalkulaw li t-tibdil fl-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara abbord il-bastimenti fir-Reġistru għat-Tbaħħir Ordinarju Norveġiż (NOR) se jaffettwa lil madwar 750 baħħar.

2.3. *Bażi legali nazzjonali għall-miżura tal-għajnuna*

Il-bażi legali għall-iskema emendata hija l-baġit fiskali *Budsjett-innst.S.nr. 8 (2006-2007)* u d-Deċiżjoni baġitarja Nru 197 meħuda mill-Parlament Norveġiż fit-12 ta' Diċembru 2006, *Budgsjett-innst. S. nr. 13 (2006-2007), jf St.prp.nr. 1 (2006-2007) Bevilgninger på statsbudsjettet 2007*.

Id-Deċiżjoni baġitarja Nru 197 hija implimentata bir-Regolament tal-21 ta' Diċembru 2005, numru 1720 (*Forskrift om forvaltning av tilskudd til sysselsetting av sjøfolk*), li għandu jiġi emendat f'dan is-sens. L-awtoritajiet Norveġiżi indikaw li l-linji gwida implimentattivi għall-iskema għandhom jiġu emendati f'konformità mat-tibdil propost fl-iskema.

([8]) Minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara".
([9]) Ara n-noti ta' qiegħ il-paġna 6 u 7.

2.4. *Eliġibbiltà*

L-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara tapplika għall-ekwipaġġ abbord bastimenti rreġistrati fir-Reġistru Ordinarju tat-Tbaħħir Norveġiż (NOR) ta' mill-inqas 100 tunnellata grossa (GT) li huma użati għat-trasport marittimu. It-tibdil innotifikat fl-iskema approvata jestendi l-kopertura tagħha għall-ekwipaġġ abbord il-bastimenti tal-passiġġieri li jkopru d-distanza Bergen-Kirkenes. L-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li dan, effettivament, ifisser li qed issir referenza għall-hekk imsejħa "bastimenti Hurtigrute".

L-awtoritajiet Norveġiżi ma nnotifikaw l-ebda tibdil ieħor fl-iskema tar-rifużjoni fiskali kif approvata mill-Awtorità bid-Deċiżjonijiet Nru 280/06/COL u Nru 412/06/COL. Għalhekk, is-sidien tal-bastimenti li jikkwalifikaw għall-benefiċċju se jirċievu l-għotjiet għall-baħħara li:

(a) għall-finijiet fiskali huma residenti fin-Norveġja jew fi Stat ŻEE ieħor jew huma ċittadini ta' Stat ŻEE;

(b) huma soġġetti għall-ħlas fin-Norveġja tat-taxxa fuq id-dħul waqt li huma abbord; u

(ċ) huma eliġibbli għat-tnaqqis fit-taxxa għall-baħħara skont it-Taqsima 6-61 tal-Att dwar it-Taxxi; kif ukoll

(d) li l-pagi tagħhom huma rrappurtati lill-Assigurazzjoni tal-Pensjoni Nazzjonali għall-Iskema tal-Baħħara jew huma ddokumentati separatament.

2.5. *Baġit u tul ta' żmien*

L-emenda għall-iskema tar-rifużjoni fiskali ġiet innotifikata bħala li kellha tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2007 ([10]). L-iskema tar-rifużjoni fiskali hi soġġetta għad-deċiżjoni baġitarja annwali tal-Parlament Norveġiż. B'hekk, l-iskema hija limitata għas-sena fiskali. Titkompliex jew le jiddependi mill-approprjazzjoni baġitarja tas-sena fiskali li jkun imiss. L-awtoritajiet Norveġiżi indikaw li, fil-prinċipju, l-iskema mhix iffissata għal perjodu ta' żmien speċifiku imma jekk tkun għadha topera tiġi nnotifikata mill-ġdid fi żmien għaxar snin.

L-approprjazzjoni tal-baġit għas-sena fiskali 2007 li tikkorrispondi għall-emenda nnotifikata tammonta għal NOK 30 miljun (bejn wieħed u ieħor EUR 3,6 miljun) ([11]). Il-baġit annwali tal-iskema għall-2007 huwa stmat għal NOK 90 miljun (madwar EUR 10,94 miljun).

([10]) Il-kumpaniji eliġibbli taħt din l-iskema, kull xahrejn għandhom jissottomettu applikazzjoni għall-perjodu tax-xahrejn preċedenti. Normalment, ir-rifużjoni titħallas fi żmien xahrejn.
([11]) Ir-rata tal-kambju NOK/EUR għall-2007 hi 8,2224, kif ippubblikata fil-websajt tal-Awtorità.

### 3. **Osservazzjonijiet mill-awtoritajiet Norveġiżi, inklużi emendi għan-notifikazzjoni**

Fl-ittra tagħhom iddatata t-22 ta' April 2008, l-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw il-fehma tagħhom li l-kuntratt kummerċjali mal-kumpanija Hurtigruten ASA fir-rigward tax-xiri tal-kapaċità tat-trasport għad-distanza Bergen-Kirkenes ma jinkludi l-ebda element ta' għajnuna mill-istat. L-awtoritajiet Norveġiżi huma għalhekk tal-fehma li l-għajnuna mogħtija skont l-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara ma' tiġix ikkumbinata ma' għajnuna li titħallas minn skemi oħra lokali, reġjonali, nazzjonali jew Komunitarji biex tkopri l-istess spejjeż u b'hekk ma jkunx hemm kumpens żejjed.

## II. **VALUTAZZJONI**

### 1. **Il-preżenza ta' għajnuna mill-istat**

L-Artikolu 61(1) jaqra kif ġej:

"Bla ħsara għal dispożizzjonijiet kuntrarji f'dan il-Ftehim, kwalunkwe għajnuna, tkun f'liema forma tkun, mogħtija mill-Istati Membri tal-KE, l-Istati tal-EFTA jew permezz ta' riżorsi tal-Istat li twassal għal tfixkil jew theddida ta' tfixkil għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti, safejn tolqot il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti, tkun inkompatibbli mal-funzjanament ta' dan il-Ftehim."

Fid-Deċiżjoni Nru 280/06/COL, l-Awtorità vvalutat l-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara, li, f'dak iż-żmien, kienet tkopri laneċ joperaw f'kummerċ barrani, bastimenti li joperaw barra l-kosta u bastimenti tal-provvisti. F'dik id-Deċiżjoni, l-Awtorità sostniet li l-iskema kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-istat kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida tal-Awtorità għall-Għajnuna mill-Istat għat-Trasport bil-Baħar ([12]). L-Awtorità vvalutat ukoll żewġ emendi għall-iskema nnotifikata fid-Deċiżjoni Nru 412/06/COL u kkonkludiet li l-iskema kif emendata kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-istat kompatibbli, għal darb'oħra fuq il-bażi tal-Linji Gwida Marittimi.

B'segwitu għal dan, l-Awtorità għandha tivvaluta jekk l-emenda proposta fin-notifika attwali tibdilx il-konklużjoni preċedenti li skontha l-iskema tikkostitwixxi għajnuna mill-istat fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 61(1) ŻEE.

#### 1.1. *Preżenza ta' riżorsi statali*

Il-miżura tal-għajnuna trid tingħata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat. Billi r-rifużjoni tal-kontribuzzjonijiet tat-taxxa fuq id-dħul u tas-sigurtà soċjali se jibqgħu jiġu ffinanzjati mill-allokazzjonijiet baġitarji, dan il-kriterju huwa ssodisfat.

#### 1.2. *Vantaġġ għal ċerti impriżi jew għall-produzzjoni ta' ċerti oġġetti*

Ir-rifużjoni tal-kontribuzzjonijiet tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali tikkumpensa lis-sidien tal-bastimenti għall-ispejjeż li normalment joħorġu mill-baġit tagħhom u għaldaqstant tikkostitwixxi vantaġġ għall-benefiċjarji tal-iskema. Is-sostenn jikkostitwixxi wkoll miżura selettiva minħabba li hu indirizzat biss għas-settur marittimu u s-sidien ta' ċerti bastimenti f'dan is-settur. L-emenda nnotifikata ma tibdilx din is-sitwazzjoni; fil-fatt, hija sempliċement testendi l-applikazzjoni tal-iskema tar-rifużjoni fiskali għal tip ta' bastiment ulterjuri u, attwalment, tirrigwarda biss iż-żieda ta' kumpanija waħda, Hurtigruten ASA.

#### 1.3. *Tfixkil tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ bejn Partijiet Kontraenti*

Is-sidien tal-bastimenti li jibbenefikaw mill-iskema, inkluża l-kumpanija li għaliha l-iskema hi estiża bħala riżultat tan-notifika attwali, iwettqu attività ekonomika f'kompetizzjoni ma' sidien ta' bastimenti/kumpaniji minn pajjiżi oħra taż-ŻEE u s-sostenn li jirċievu jsaħħilhom il-pożizzjoni tagħhom fis-suq. Is-sostenn għalhekk ifixkel jew jhedded li jfixkel il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti.

#### 1.4. *Konklużjoni*

Fuq il-bażi tal-osservazzjonijiet preċedenti, l-Awtorità tikkonkludi li l-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara, u b'mod partikolari l-emenda nnotifikata għaliha, jikkostitwixxu għajnuna mill-istat fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 61(1) taż-ŻEE.

### 2. **Rekwiżiti proċedurali**

Skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar Sorveljanza u Qorti, "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tiġi infurmata, fi żmien suffiċjenti sabiex tkun tista' tissottometti l-kummenti tagħha, dwar kwalunkwe pjan ta' għoti jew ta' tibdil fl-għajnuna (…). L-Istat ikkonċernat ma jistax idaħħal fis-seħħ il-miżuri proposti minnu qabel ma dik il-proċedura tkun waslet għal deċiżjoni finali".

L-awtoritajiet Norveġiżi nnotifikaw l-estensjoni tal-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara bħala applikabbli mill-1 ta' Lulju 2007. Madankollu, l-awtoritajiet Norveġiżi stqarrew li mhuma se jsiru l-ebda ħlasijiet sakemm l-Awtorità tasal għal deċiżjoni dwar il-każ. Jidher li ma sar ebda ħlas. Għaldaqstant, l-Awtorità jidhrilha li l-awtoritajiet Norveġiżi osservaw l-obbligu ta' notifika u l-klawżola sospensiva.

### 3. **Kumpatibbiltà tal-għajnuna**

L-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim ŻEE jipprovdi li għajnuna tista' titqies kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE jekk l-għan tagħha jkun li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi, sakemm din l-għajnuna ma taffettwax b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti sa limitu kuntrarju għall-interess komuni. Għajnuna favur is-settur marittimu trid tiġi eżaminata b'mod partikolari fil-kuntest tal-Linji Gwidi Marittimi.

([12]) Minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Linji Gwida Marittimi".

B'segwitu ta' dan, l-Awtorità tivvaluta jekk l-estensjoni nnotifikata tal-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara biex tkopri l-ekwipaġġ abbord il-bastimenti tal-passiġġieri li jkopru d-distanza Bergen-Kikenes hijiex tali li temenda l-valutazzjoni ta' kompatibbiltà mwettqa mill-Awtorità bid-Deċiżjonijiet Nru 280/06/COL u Nru 412/06/COL.

3.1. *Applikazzjoni għal attivitajiet ta' trasport bil-baħar*

Id-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida Marittimi huma applikabbli għall-attivitajiet tat-"trasport bil-baħar". Id-definizzjoni ta' attivitajiet ta' trasport bil-baħar għall-fini ta' dawn il-linji gwida tikkorrispondi għal dik mogħtija fir-Regolament (KEE) Nru 4055/86 ([13]), inkorporat fil-Ftehim ŻEE bħala l-punt 53 tal-Anness XIII għall-Ftehim ŻEE u fir-Regolament (KEE) Nru 3577/92 ([14]) inkorporat bħala l-punt 53a fl-Anness XIII għall-Ftehim ŻEE ([15]). Għalhekk, it-trasport bil-baħar jirreferi għat-"trasport ta' oġġetti u persuni bil-baħar".

L-emenda għall-iskeda testendiha għall-ekwipaġġ abbord il-bastimenti tal-passiġġieri li jkopru d-distanza Bergen-Kirkenes irreġistrati fir-Reġistru għat-Tbaħħir Ordinarju Norveġiż (NOR) u li huma esposti għall-kompetizzjoni. Sakemm dawn il-bastimenti jwettqu attivitajiet ta' trasport bil-baħar fl-ambitu tat-tifsira tal-Linji Gwida Marittimi, ikunu eliġibbli għall-għajnuna taħt l-iskema emendata tar-rifużjoni fiskali.

3.2. *Konformità mal-għanijiet tal-linji gwida marittimi*

Il-Linji Gwida Marittimi stipulaw li jistgħu jiddaħħlu skemi ta' għajnuna bħala sostenn għall-interess marittimu taż-ŻEE fit-twettiq ta' għanijiet ġenerali bħalma huma:

— it-titjib fis-sigurezza, l-effiċjenza u r-rispett lejn l-ambjent tat-trasport bil-baħar,

— it-tħeġġiġ għall-kitba jew il-kitba mill-ġdid tal-bastimenti fir-reġistri tal-Istati Membri,

— il-kontribuzzjoni għall-konsolidament tal-industriji tal-baħar stabbiliti fl-Istati taż-ŻEE u għaż-żamma ta' flotta globalment kompetittiva fis-swieq dinjija,

— il-konservazzjoni u t-titjib tal-għarfien marittimu kif ukoll il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-impjieg għall-baħħara Ewropej, u

— il-kontribuzzjoni għall-promozzjoni ta' servizzi ġodda fil-qasam ta' trasport bil-baħar għal distanzi qosra.

Kif innutat fid-Deċiżjonijiet preċedenti dwar l-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara, wieħed mill-għanijiet iddikjarati min-Norveġja hu ż-żamma tar-rwol tagħha bħala l-pajjiż fuq quddiem nett fis-settur marittimu. Dan il-għan hu msejjes, fost affarijiet oħra, fuq l-importanza fundamentali ta' din l-industrija għall-bosta komunitajiet ta' fuq il-kosta.

F'dan il-kuntest, fl-opinjoni tal-awtoritajiet Norveġiżi, il-kriterju tal-kundizzjonijiet li jippermettu kompetizzjoni aktar ġusta ma' bastimenti li jtajru bnadar ta' konvenjenza (u ma' Stati oħra taż-ŻEE) jidher li hu l-aħjar soluzzjoni. L-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara tfittex li tippromwovi l-interessi marittimi tan-Norveġja, bil-għan li jsir titjib fis-sigurezza, l-effiċjenza u r-rispett lejn l-ambjent tat-trasport bil-baħar, li jitħeġġu l-kitba jew il-kitba mill-ġdid tal-bastimenti fir-Reġistru tat-Tbaħħir Norveġiż (NOR), li ssir kontribuzzjoni għall-konsolidament tal-industrji tal-baħar Norveġiżi filwaqt li tinżamm flotta globalment kompetittiva fis-swieq dinjija u li jkun hemm konservazzjoni u titjib tal-għarfien marittimu kif ukoll protezzjoni u promozzjoni tal-impjieg għall-baħħara taż-ŻEE. L-awtoritajiet Norveġiżi jiddikjaraw li l-estensjoni tal-iskema ta' paga netta lill-bastimenti li jkopru d-distanza Bergen-Kirkenes tkompli tippromwovi dawn l-għanijiet. Bejn wieħed u ieħor din l-espansjoni se taffettwa lil 750 baħħar.

L-Awtorità jidhrilha li l-awtoritajiet Norveġiżi ġġustifikaw biżżejjed il-konformità tat-tibdil propost fl-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara mal-għanijiet ġenerali tal-Linji Gwida Marittimi.

3.3. *Għajnuna mogħtija fil-forma ta' tnaqqis fl-ispejjeż marbuta max-xogħol*

Il-Linji Gwida Marittimi jipprovdu li għajnuna fil-forma ta' tħaffif fil-piż ta' spejjeż marbuta max-xogħol fir-rigward tal-baħħara taż-ŻEE għandha tkun awtorizzata, sakemm dawn il-baħħara jkunu impjegati abbord bastimenti rreġistrati fi Stat taż-ŻEE. Il-Linji Gwida Marittimi jippermettu li għajnuna bħal din tkun eżenzjoni mill-kontribuzzjoni sa limitu massimu ta' 100 %. Dawn il-miżuri għandhom ikunu mmirati biex jiġi ssalvagwardjat l-impjieg fiż-ŻEE, kemm abbord kif ukoll fuq l-art, jiġi ppreżervat u żviluppat l-għarfien marittimu fiż-ŻEE u tittejjeb is-sigurezza. Fejn għandhom x'jaqsmu l-ispejjeż marbuta max-xogħol, it-Taqsima 3.2(2) tal-Linji Gwida tipprovdi li l-azzjonijiet li ġejjin immirati lejn l-ispejjeż marbuta max-xogħol għandhom ikunu awtorizzati għat-trasport marittimu fiż-ŻEE:

— rati ta' kontribuzzjonijiet imnaqqsa għall-ħarsien soċjali tal-baħħara taż-ŻEE impjegati abbord bastimenti rreġistrati fi Stat taż-ŻEE,

— rati ta' taxxa fuq id-dħul imnaqqsa għall-baħħara taż-ŻEE abbord bastimenti rreġistrati fi Stat taż-ŻEE.

([13]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4055/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li japplika l-prinċipju tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi għat-trasport bil-baħar bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 1).

([14]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu provduti servizzi lit-trasport marittimu fl-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU L 364, tat-12.12.1992, p. 7).

([15]) Il-punt imdaħħal bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Nru 70/97 (ĠU L 30, 5.2.1998, p. 42 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 5,5.2.1998, p. 175), bi dħul fis-seħħ mill-1.8.1998.

Għall-fini ta' dak ta' hawn fuq, id-definizzjoni ta' "baħħara taż-ŻEE" hi:

— ċittadini tal-Istati taż-ŻEE fil-każ ta' baħħara li jaħdmu abbord bastimenti (inklużi l-laneċ ro-ro) li jipprovdu servizzi regolari ta' trasport għall-passiġġieri bejn portijiet taż-ŻEE,

— il-baħħara kollha suġġetti għall-ħlas tat-taxxa u/jew il-kontribuzzjonijiet soċjali fi Stat taż-ŻEE, fil-każi l-oħra kollha.

L-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara tikkonċerna r-rifużjoni ta' kontribuzzjonijiet tat-taxxa fuq id-dħul u tas-sigurtà soċjali mħallsa minn min iħaddem f'isem il-baħħara. Skont l-iskema kif approvata bid-Deċiżjonijiet Nru 280/06/COL u Nru 412/06/COL, is-sidien tal-bastimenti li jikkwalifikaw jirċievu għotjiet intiżi għall-baħħara li, għal fini fiskali, huma residenti fin-Norveġja jew fi Stat ieħor taż-ŻEE jew huma ċittadini ta' Stat taż-ŻEE, li huma soġġetti għall-ħlas tat-taxxa fin-Norveġja fuq dħul li qalgħu abbord, u li għandhom id-dritt għat-tnaqqis fit-taxxa għall-baħħara skont it-Taqsima 6-61 tal-Att dwar it-Taxxa, u li l-pagi tagħhom huma rrappurtati lill-Iskema tal-Assigurazzjoni Nazzjonali tal-Pensjoni tal-Baħħara jew li jkunu ddokumentati separatament. L-ebda emenda ma ġiet innotifikata f'dan is-sens. Għaldaqstant, l-Awtorità jidhrilha li l-baħħara koperti mill-emenda għandhom jaqgħu fl-ambitu tal-kategoriji previsti fil-Linji Gwida.

3.4. *Limitu massimu*

It-Taqsima 3.2 tal-Linji Gwida Marittimi tawtorizza t-tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet għall-ħarsien soċjali tal-baħħara taż-ŻEE u rata mnaqqsa ta' taxxa fuq id-dħul. Skont it-Taqsima 11 tal-Linji Gwida Marittimi, jista' jingħata tnaqqis sa limitu ta' 100 %, jiġifieri, tnaqqis fit-tassazzjoni u ħlasijiet soċjali sal-livell żero. Skont in-notifika oriġinali tal-iskema, ir-rifużjoni tal-ħlasijiet qatt ma tista' taqbeż l-ammont ta' taxxa fuq id-dħul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali attwalment imħallsa. Billi l-ebda emendi ma ġew innotifikati f'dan ir-rigward, l-Awtorità jidhrilha li l-ħlas lura tat-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li kellu jsir bħala riżultat tal-emenda nnotifikata se jkompli jkun konformi mal-Linji Gwida Marittimi.

3.5. *Kombinazzjoni ta' miżuri ta' għajnuna*

Skont it-Taqsima 11 tal-Linji Gwida Marittimi, tnaqqis sal-livell żero fit-taxxa u l-ħlasijiet soċjali hu l-livell massimu ta' għajnuna li jista' jiġi awtorizzat. Sistemi ta' għajnuna oħrajn ma jistgħu jipprovdu ebda benefiċċju akbar minn dan. L-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li għajnuna taħt l-iskema tar-rimborż fiskali għall-baħħara ma tistax tiġi kkombinata ma' għajnuna mogħtija fi skemi oħra lokali, reġjonali, nazzjonali jew Komunitarji biex ikopru l-istess spejjeż eliġibbli.

3.6. *Konklużjoni*

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-Awtorità hi tal-fehma li t-tibdil innotifikat fl-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara, li testendi l-ħlas lura tal-kontribuzzjonijiet tat-taxxa fuq id-dħul u s-sigurtà soċjali mħallsa minn min jimpjega ekwipaġġ abbord il-bastimenti tal-passiġġieri li jkopru d-distanza Bergen-Kirkenes esposti għall-kompetizzjoni u rreġistrati fir-Reġistru għat-Tbaħħir Ordinarju Norveġiż, huwa kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 61(3)(c) ŻEE moqri flimkien mal-Linji Gwida Marittimi. Għalhekk, l-Awtorità ddeċidiet li ma tqajjem ebda oġġezzjoni għall-emenda nnotifikata.

L-awtoritajiet Norveġiżi huma mfakkra li huma obbligati jipprovdu rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-iskema kif stipulat fl-Artikolu 21 tal-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar Sorveljanza u Qorti flimkien mal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 195/04/COL. L-awtoritajiet Norveġiżi huma mitluba jippreżentaw lill-Awtorità mill-aktar fis possibbli t-testi leġiżlattivi u amministrattivi kollha li jimplimentaw it-tibdil fl-iskemi tal-għajnuna kif imsemmi hawn fuq fil-każi fejn dan jkunx għadu sehħ.

Kif stabbilit fit-Taqsima 12 tal-Linji Gwida Marittimi, l-awtoritajiet Norveġiżi huma mfakkra li fejn għandhom x'jaqsmu l-iskemi ta' għajnuna kollha li jaqgħu fil-portata tal-Linji Gwida Marittimi, l-Istati EFTA għandhom jikkomunikaw lill-Awtorità valutazzjoni tal-effetti tagħhom matul is-sitt sena ta' implimentazzjoni tagħhom.

L-awtoritajiet Norveġiżi huma mfakkra wkoll li kwalunkwe pjan għal tibdil f'din l-iskeda jrid jiġi nnotifikat lill-Awtorità.

L-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara kif approvata bid-Deċiżjonijiet Nru 280/06/COL u Nru 412/06/COL ġiet innotifikata sal-1 ta' Jannar 2016. In-notifika attwali tindika li l-iskema tar-rifużjoni fiskali fil-prinċipju mhix iffissata għal perjodu ta' żmien speċifiku imma jekk tkun għadha topera għandha tiġi nnotifikata mill-ġdid fi żmien għaxar snin. L-awtoritajiet Norveġiżi ma ġġustifikawx għaliex l-emenda nnotifikata għandu jkollha ħajja itwal mill-iskema kif ġiet innotifikata oriġinarjament u għaldaqstant l-Awtorità tikkonkludi li huwa xieraq li l-aħħar tibdil li sar fl-iskeda jiskadi fl-istess data. L-Awtorità tiġbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet Norveġiżi għall-fatt li l-Linji Gwida Marittimi li taħthom l-iskema tar-rifużjoni fiskali ġiet approvata, għandhom jiġu rriveduti fl-2011. F'każ li r-regoli tal-Linji Gwida Marittimi jinbidlu, dan jista' jkollu effett fuq l-iskema ta' għajnuna eżistenti kollha taħt il-Linji Gwida, inkluż it-tibdil fl-iskema awtorizzat b'din id-deċiżjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet għat-tibdil innotifikat fl-iskema tar-rifużjoni fiskali għall-baħħara impjegati abbord il-bastimenti fir-Reġistri għat-Tbaħħir Ordinarju Norveġiż (NOR), li jestendi l-ħlas lura tal-kontribuzzjonijiet tat-taxxa fuq id-dħul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa minn min iħaddem ekwipaġġ abbord bastimenti tal-passiġġieri li jkopru d-distanza bejn Bergen u Kirkenes li huma esposti għall-kompetizzjoni u rreġistrati fuq ir-reġistru għat-Tbaħħir Ordinarju Norveġiż.

L-iskema emendata hi kompatibbli mal-Artikolu 61(3)(c) ŻEE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Norveġja.

*Artikolu 3*

It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

Kurt JAEGER
*Membru tal-Kulleġġ*

Kristján A. STEFÁNSSON
*Membru tal-Kulleġġ*

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

| | | |
|---|---|---|
| (*) Il-prezz kull kopja: | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT